# Il-għajjat nofs il-bejgħ

Il-għajjat nofs il-bejgħ, kienu jgħidu x-xjuħ tagħna. Min, illum, jista' jgħid li mhux tassew? Mur f'rahal f'jum ta' btala f'ġieħ xi qaddis u isma' x'għajjat: tal-qubbajd, tal-ġelat, tal-pastizzi u qassatat, tal-fwied u l-mazzit moqli; kullħadd min l-iktar igħajjat u n-nies erħilha tixrob u tiekol u tixxala. Mur nhar ta' Ħadd sa fuq il-Monti, il-Belt: dak għajjat, dak agħa jqabbdek il-mejt; kullħadd min l-iżjed igħajjat u n-nies araha tixtri kull ma ssib igħodd għaliha!

Kull fejn tisma' l-għajjat, bla ma tkun trid, tħares, tieqaf u jekk ikollok sold fil-but, tonfqu. Għaliex? Għax dak il-għajjat kollu, jekk tkun nofs ħajra, jagħmilhielek sħiħa, iżid iħajrek u tixtri. Il-għajjat tassew meħtieġ, imma . . . . . għax tgħid din l-imbierka "imma" dejjem u f'kollox issibha, imqar fil-għajjat ukoll. U mhux jewwilla tassew? l-iktar meta jinqala' xi leħen qawwi li minn widnejk ivenvinlek moħħok! Ingħid għalija, fejn nisma' l-għajjat, nitwarrab, nitbiegħed, naħrab u meta ma nistax nagħmel ieħor, insodd widnejja bħat-tfal meta jkunu jistennew xi tfaqqiegħa qawwija.

Ix-xjuħ tagħna sa ma waslu biex qatgħu li tassew l-għajjat nofs il-bejgħ, bil-fors qabel xejn għarrxu sewwa, xtarrew, raw u fehmuha li mingħajr l-għajnuna ta' dak il-ħafna għajjat jibqa' ma jinbiegħx in-nofs. Dana kollu ġej, għaliex in-nies tħobb torbot wisq fuq l-għajjat, fuq it-tlellix, fuq kull ma jolqot l-għajn u l-widna: tħobb wisq tħares lejn il-qoxra ta' barra sakemm din tkun tleqq u fuq hekk erħilha tixtri mqar bil-għama.

Tassew, illum, in-nies ma tħallix min jgħallatha malajr malajr, imma l-għajjat biss donnu baqa' jaħkem fuq il-moħħ, fuq ir-rieda tan-nies, mhux tassew?! . . . Mela mur għodd kemm skrapan jinsabu fid-dinja, qajla jafu sengħethom u mbagħad erħilhom ipaċpċu fuq duwa u fejqan ta' mard daqs kieku x-tobba mgħallmin, xjuħ! Mur għodd kemm qaddejja tal-qrati tismagħhom ilabilbu fuq liġijiet u sentenzi daqs kieku xi mħali lfin u mgħallmin, xjuħ! . . . mur għodd kemm taparsi mgħallmin tismagħhom iħambqu fuq mitt ħaġa bla ma biss ikunu qegħdin jifhmu lilhom infushom u miskin hu min jiftillu jmerihom għax minnufih iħebbu għalih jekk mhux dejjem bl-idejn, bi kliem mhux xieraq żgur! . . . U b'dankollu, in-nies kotrana tismagħhom b'għajnejha mberrqin u tarmi għaqalha fuqhom.

Ta' min jifhimha: il-għajjat, it-tlablib, it-tpaċpiċ, it-tħambiq aktarx jiswa għall-bejjiegħ u mhux dejjem għax-xerrej. Min jorbot wisq fuqhom ma jkunx qiegħed jorbot fis-sħiħ. Ħażin għal min jagħma fuq l-għajjat. Aħsibha u arġa' aħsibha. Qis mitt darba u aqta' darba.

* * *

X'saħħa u x'setgħa għandu l-għajjat fil-bejgħ. Bosta huma dawk li-jitqarrqu bih. Kont għadni żagħżugħ. X'kelli? Ħmistax-il sena? Ommi bagħtitni nixtri ratal laħam għall-qali.

"Minn għand Masu ġibu. Dak dejjem jaqdina tajjeb, mill-aħjar!'' qaltli ommi waqt li għaddietli x-xelin f'idi. F'dak iż-żmien, mhux bħal-lum, ratal għall-qali kien xelin.

Dan Masu kien raġel ftit u xejn imdaħħal fiż-żmien, musfar musfar u rqajjaq irqajjaq; ta' kliem mill-inqas u bl-imrewħa jkeċċi d-dubbien, dejjem f'idu, ma jitlaqha b'xejn ħlief għal dak il-ħin li jkun qiegħed ibigħ xi biċċa laħam. F'kelmtejn kien raġel jaf irazzan ilsienu għaliex kien jaf x'isarraf il-qawl: ***kieku l-kliem klen ġawhar is-skiet aħjar minnu.***

Sewwa sew erba' bibien 'l hinn minnu kien jgħammar bejjiegħ il-laħam ieħor; il-ħanut kbir u dejjem mimli bkull robbu daqshiex imdendel, u fwied u zalzett u mazzit, kollox imgħotti u jħajrek. Fuq kollox, imbagħad, kellu ħeffa kbira wisq biex jaqta' u jkisser l-għadam, arah isabbatlek il-biċċa li jaqtagħlek fuq il-keffa tal-miżien u ara l-oħra, f'waqt' togħla l-fuq bl-użin b'kollox, minn għalik tak xi kwart iżjed; il-ħlieqa minn fommu ma touqosx u ara 'l kullħadd jinfexx jidħak u jagħmlu għors bih. Kull xħin jiftillu arah joħroġ minn wara l-mejda, joħroġ in-nies, ifeġġ jittawwal għat-triq u erħilu, dejjem b'dik it-tbis-sima fuq fommu, igħajjat:

—Tari baqta! Għaddu Sinjuri!. . .—B'dan il-għajjat u ċajt, ħanutu kien ikun dejjem mimli sa mit-tbexbix. L-iktar in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu l-għajjat u l-bejgħ ma jaqta' xejn. Jien, bħall-kotra, l-għajta tiegħu laqtitni u bla ma ridt, minflok għand Masu donnu r-rieqed, għaddejt għand dan l-ieħor kollu fuq tiegħu.

—Ara s-Sinjur tagħna!. . . għajjat tal-laħam kif lemaħni wieqaf quddiem il-bieb bħal ħusbien qiegħed naħsibha nidħolx billi ġewwa rajt ħafna rassa ta' nies; għax tgħid din l-għajta tiegħu aktar laqtitni u minn barra t-trieq, tennejtlu:

"Ratal tari għall-qali."

" Aħfruli sinjuri . . . dan iż-żagħżugħ imgħaġġel, irid jilħaq l-iskola," tenna l-bejjiegħ waqt li minn taħt il-mejda newwel nofs koxxa tħammar tħammar. Minnha qata' r-ratal għalija u f'inqas milli trodd salib, qartasha, wiżinha, u għaddihieli minn fuq irjus in-nies; ħallastu u tlaqt 'il barra. Bilġri wasalt id-dar, jien waħdi ridt niftaħ il-karta biex nurihom il-ġmiel ta' biċċa laħam li kont xtrajt.

—"Uff . . . din x'riħa hi?! . . ." qabżu jgħajtu kelma waħda ommi w oħti. Jien ma ridtx nemmen imnifsejja. Biex aktar taqgħadli jiżnuh mingħajr il-karti w isibu nofs kwart nieqes. Ommi malajr kemmxet xofftejha u qaltli :

"Żgur minn għand dak kollu daħk! dak għajjat biss għandu." Oħti ma baqgħetx lura, qalet tagħha wkoll. U jien biex naqta' fil-qasir ħaffift ħriġt 'il barra biex nilħaq l-iskola fil-ħin.

Ma titwemminx. Jumejn wara reġgħu bagħtuni nixtri biċċa laħam għall-brodu. Ommi w oħti wissewni biex ma narġax immur nixtri minn għand dak kollu għajjat u fakkruni fid-daħka li kien daħak bija. Ma titwemminx. Wasalt qrib ħanutu, nisma' l-miżien u l-użin iħabbat, dak l-għajjat tiegħu: "Tari, kemm hu tari! Araw hawn! Pih!!..." narġa' ntenni għat-tielet darba "ma titwemminx," tħajjart, waqaft biswitu, ħarist; tal-laħam lemaħni u b'kemm garġi kellu beda jgħajjat: "Ara s-Sinjur tagħna; għaddi, għaddi ... hawn hu"! U jien bla ma ridt u bla ma naf kif, dħalt u xtrajt. Din id-darba ma kienx irejjaħ u bil-karta kien jiżen mad-deheb, iżda kien imgħaddam iżżejjed.

—Kemm hu mgħaddam?! Mhux żgur mhux minn għand dak li jgħajjat!... qaluli tad-dar. Jien ma weġibt xejn u tlaqt 'il barra ntalla' u nniżżel fuq is-saħħa li għandu l-għajjat fil-bejgħ!

ROB. MIFSUD BONNICI.